XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***
***LAQGĦA NRU 390***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 18***
***Il-Ġimgħa 06 ta' Marzu, 2009***

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fit-2.45pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku*<br>*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*<br>*Mr. Teddy Mizzi* |
| *Skużati:* | *Dr. Marthese Portelli*<br>*Mr Hubert Saliba* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Is-Sindku talbet sabiex il-Minuti tal-Laqgħat Numri 388 u 389 jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel dwar dan.*

**1. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv matul l-aħħar sena. Il-Viċi Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu l-performance bonus sħiħ. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ssekonda din il-mozzjoni li għaddiet unanimament.

**2. Performance Bonus tal-Assistant Prinċipal**

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-ħidma tal-Assistant Prinċipal matul l-aħħar sena. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li l-Assistant Prinċipal għandha tieħu l-performance bonus sħiħ. Il-Viċi Sindku ssekonda din il-mozzjoni li għaddiet unanimament.

**3. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-11**

**4. Laqgħa mal-Pulizija**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali kellhom mal-Ispettur Josric Mifsud nhar il-Gimgħa 27 ta' Frar. Matul din il-laqgħa s-Sindku talbet biex issir aktar sorveljanza minn naħa tal-Pulizija fi Triq l-Għarus waqt il-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-Museum tal-Bniet peress li qed ikun hemm ħafna traffiku. Is-Sindku talbet lill-Pulizija biex ma jitħallewx vetturi kbar jgħaddu minn Triq Ħamrija. Fil-fatt il-Kunsill kien waħħal tabelli li jindikaw li vetturi kbar ma jistgħux jgħaddu minn din it-triq ħlief biex iwettqu servizz. Is-Sindku rringrazzjat lill-Pulizija għas-servizz tajjeb li taw matul l-attivitajiet li organizza l-Kunsill fi żmien il-karnival. Is-Sindku qalet ukoll li l-Pulizija se jitolbu lill-Kunsilli Lokali fejn hemm Għassa tal-Pulizija biex fl-istess għases isir xogħol ta' manutenzjoni fihom.

Il-Kunsilli huma mitluba biex jgħinu finanzjarment biex dan ikun possibbli. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu mill-aħjar li nistgħu biex ix-xogħol ta' manutenzjoni fl-Għassa tax-Xewkija jkun jista' jsir. Il-Kunsill qabel ukoll biex jekk ikun hemm bżonn anke nagħtu l-ħaddiema tagħna (tal-iskema tal-IPSL) biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li niktbu ittra ta' ringrazzjament lill-Pulizija għas-servizz tagħhom fil-jiem li fihom organizzajna l-Karnival. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

## 5. Xogħol ta' Patching

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-istimi li nġabru għal xogħol ta' patching. L-istimi huma ta' Gatt Tarmak Ltd, Joseph Magro, Joe Grima u Joe Attard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-aktar stima vantaġġjuża hija dik ta' Joseph Magro. L-istima hija €80.24 għal-ħaddiem, €26.43 għal romblu u €26.43 għat-trakk. Dawn huma prezzijiet għal kull tmien sigħat. Għalhekk jekk isir inqas ħin ta' xogħol, jitħallas proporzjalment skond kemm sigħat ikun sar xogħol f'dik il-ġurnata partikulari. Il-Kunsill qabel li għandna navżaw lill-kuntrattur konċernat biex jibda x-xogħol malajr kemm jista' jkun peress li għandna ħafna lmenti dwar is-sitwazzjoni ħażina ta' diversi toroq kawża tax-xita kontinwa li għamlet din is-sena.

Dwar il-cold asphalt, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li stima waħda biss waslet u din hija ta' Gatt Tarmak Ltd. Is-Segretarju qal li minkejja li kkuntattja diversi drabi lil ta' Road Constructions Ltd, dawn qatt ma bgħatu stima għal Cold Asphalt. F'Għawdex huma dawn iż-żewġ kuntratturi biss li jissupplixxu l-cold asphalt. L-istima ta' Gatt Tarmak Ltd hija ta' €73.16 għal kull tunnellata ta' cold asphalt. Il-Kunsill qabel li naċċettaw din l-istima peress li hija waħda raġjonevoli.

## 6. Materja oħra

i. Għal darb'oħra l-Kunsill iddiskuta dwar is-sitwazzjoni tat-toroq fiz-zona mhux urbana. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ biex dawn jitranġaw. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ma kienx irċieva kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li ser ikellem lid-Direttur Għall-Proġetti u Żvilupp biex isir ix-xogħol meħtieġ mid-Dipartiment Għall-Proġetti u Żvilupp filwaqt li jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill jixtri l-materjal. Il-Kunsill qabel dwar dan u għalhekk il-Kunsillier Teddy Mizzi se jieħu ħsieb jikkordina biex isir ix-xogħol meħtieġ fit-toroq taz-zona mhux urbana.

ii. Is-Sindku ssuġġeriet li f'partijiet minn Triq Widnet il-Baħar, Vjal il-Labour, Triq Ħamrija u Triq Torri Tingi nwaħħlu tabelli li jindikaw biex is-sidien tal-klieb għandhom jiġbru l-ħmieġ tal-klieb meta dawn iħammġu. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għalhekk se jiġu ordnati t-tabelli.

iii. Is-Sindku ssuġġeriet sabiex fi Triq il-Kav. L. Z. Haber teħel tabella li tindika li vetturi kbar ma jistgħux jgħaddu ħlief biex jagħtu servizz fl-istess triq. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-proposta u qabel li t-tabelli għandhom jeħlu kantuniera ma' Triq ta' Trejzu. Il-Kunsill qabel li napplikaw mal-ADT dwar din il-proposta. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn it-tabelli jsiru meta jibda jitħaddem ic-Civic Amentiy Site f'Tal-Kus.

iv. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntratt dwar it-tindif ta' toroq urbani jagħlaq fil-15 ta' Marzu 2009. Dan il-kuntratt qed jaħdmuh Xewkija Tigers FC. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nġeddu dan il-kuntratt għal sitt xhur oħra u għalhekk ser ikun jagħlaq fil-15 ta' Settembru 2009. Il-kuntrattur se jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

v. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-IPSL għandhom bżonn surraglu biex ikunu jistgħu jaqtgħu zkuk ħoxnin tas-siġar li għandna fil-ġonna pubbliċi. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru surraglu.

vi. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li Mary Attard ta' Marigold, 37, Triq Manwala (Tal-Barmil HOS) kienet talbitu biex issir il-bankina tagħha. Il-Kunsill qabel li jżid din il-bankina mal-lista ta' bankini li għandna. Il-Kunsill qed jinnota li fl-inħawi tal-Barmil HOS qed isiru xi bankini minn naħa tal-Ministeru Għal Għawdex. Il-Kunsillier Teddy Mizzi issuġġerixxa li niktbu ittra lill-Ministru Għal Għawdex biex tagħmel il-bankini kollha tal-HOS tal-Barmil u b'hekk il-bankini jsiru kollha bħal xulxin u jagħtu dehra isbaħ lil post. Il-Kunsill qabel unanimament dwar din il-proposta u għalhekk se tinkiteb ittra lill-Ministru Għal Għawdex.

vii. Is-Sindku ssuġġeriet sabiex jeħlu tabelli li jindikaw li f'Tal-Barmil HOS ma jistgħux jipparkjaw vetturi kbar. Is-Sindku qalet li qed tirċievi ħafna lmenti dwar vetturi kbar ipparkjati f'dawn l-inħawi u qed ikunu ta' inkonvenjent kbir għar-residenti tal-istess HOS tal-Barmil. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk se tintalab l-approvazzjoni tal-ADT.

viii. F'dan il-ħin fil-kamra tal-laqgħat daħal Joseph Muscat li qed jibni post fi Triq Gruwa. Huwa talab sabiex ir-road hump li hemm fl-istess triq tinżel ftit 'l isfel peress li l-ilma tax-xita se jaqleb eżatt għal fejn ser ikollu l-bieb tal-garaxx u għalhekk se jimtela' bl-ilma. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-problema u qabel li mmorru 'on site' u wara tittieħed deċiżjoni dwar x'għandna nagħmlu.

**<u>7. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**
**Mill-Korrispondenza**

i. In-Nutara Charlene Debrincat għan-nom ta' Gaulitanus Choir infurmat lill-Kunsill dwar l-edizzjoni ta' din is-sena ta' 'Gaulitana: A Festival of Music' li jkun immexxi mis-Surmast Colin Attard. Dan ser isir bejn is-17 ta' April u l-10 ta' Mejju f'postijiet u irħula differenti. Huma qed jissuġġerixxu li waħda mill-attivitajiet issir fix-Xewkija u għalhekk qed jitolbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li norganizzaw attivita minnhom fir-raħal tagħna imma l-ewwel irridu naraw xi spejjeż hemm involuti. Għalhekk is-Sindku se tagħmel il-kuntatti neċessarji u tiġbor l-informazzjoni dwar din l-attivita.

ii. Wara diversi tentattivi biex nikkuntattjaw lill-Perit Edward Xerri, huwa nforma lill-Kunsill dwar f'hiex wasal il-permess għal-latrina pubblika fil-playing field ta' Triq Ħamrija. Peress li għad hemm xi problemi biex joħroġ dan il-permess, il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mal-uffiċjal tal-Mepa biex niddiskutu dwar dan il-permess. Il-

Perit se jiġi mitlub biex jagħmel l-appuntament għal din il-laqgħa u li għaliha għandhom jattendu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

iii. Il-Kunsill irċieva email minn għand grupp ta' Taljani Żgħażagħ li huma nteressati li jagħmlu skambju kulturali. Il-Viċi Sindku qal li huwa nteressat li jieħu ħsieb din l-inzjattiva u għalhekk se jagħmel il-kuntatti meħtieġa. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u għalhekk jekk ikun ser isir xi skambju kulturali, il-Kunsill ma jistax jerfa' l-piż finanzjarju.

iv. Il-Kap tal-iskola Primarja Rosa Magro għadda kwotazzjoni dwar 'flag poles' biex isiru fis-sala tal-iskola. Il-kwotazzjoni hija ta' John Attard u l-istima hija ta' €935. Is-Surmast kien talab l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex isiru dawn il-'flag poles'. Il-Kunsill qabel li din l-istima hija għolja ħafna u għalhekk is-Surmast se jiġi mitlub sabiex iġib kwotazzjonijiet oħra u wara l-Kunsill jiddeċiedi x'għajnuna jista' jagħti.

v. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bgħatt kopja tal-ftehim għall-Devoluzzjoni ta' art fi Triq Kav. L. Z. Haber (fejn hemm Ġnejnet it-Tfal). Id-Dipartiment talab il-kummenti tal-Kunsill dwar dan il-ftehim biex jekk ikun hemm qbil jibda l-proċess biex jiġi ffirmat. Il-Kunsill qabel ma' dan il-ftehim u għalhekk id-Dipartiment se jiġi mitlub biex niffirmaw dan il-ftehim ta' devoluzzjoni.

vi. L-Av. Joseph Grech, Direttur ta' Gozo Cottage, talab li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar il-Ġnien ta' Blinkas fejn hemm is-siġar taż-żebbuġ. Huwa qal li qed jiltaqgħu ma' problemi biex dan il-ġnien jiġi ċertifikat bħala ġnien organiku u għalhekk in vista wkoll tal-ftehim li għandna magħhom huwa qed jitlob li niltaqgħu biex niddiskutu dwar dawn il-problemi. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu appuntament biex issir din il-laqgħa.

vii. Is-Sindku Carmel Saliba, Chairman tal-Kumitat Kongunt dwar Street Lightening informa lill-Kunsilli li ser issir laqgħa tal-istess Kumitat nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2009. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-problemi li qed jiltaqa' magħhom u qabel li r-Rappreżentant tagħna għandu jattendi għal din il-laqgħa. Jekk il-Kunsillieri Hubert Saliba u Teddy Mizzi li huma r-rappreżenant u r-rappreżentant sostitut rispettivament ma jkunux jistgħu jattendu, is-Sindku aċċettat li tattendi għal din il-laqgħa.

viii. Il-Kunsill irċieva informazzjoni dwar il-kampanja 'Switch' li qed issir kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem f'dawn l-inizjattivi li qed jittieħdu biex ir-residenti tagħna wkoll ikunu infurmati dwar kif jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-enerġija. Is-Sindku pproponiet li l-Laqgħa ta' informazzjoni dwar dan is-suġġett ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu fis-6.30pm fis-sala tal-iskola primarja. Din ser issir fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta u għalhekk ser isiru l-avviżi u x-xogħlijiet meħtieġa.

ix. Is-Sur Natalino Attard, Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill dwar il-proċess tal-Mepa biex jinstabu postijiet biex jintużaw bħala 'open storage'. Dawn iservu biex temporanjament jinżammu vetturi kbar, bċejjeċ tal-baħar, makkinarju kbir u anke ħażniet ta' materjal goff. Il-Kunsilli ġew mitluba jidentifikaw postijiet li jistgħu jservu għal dan l-iskop. Il-Kunsilli ġew mitluba wkoll biex jekk għandhom

ilmenti dwar vetturi kbar/bċejjeċ tal-baħar ipparkjati f'toroq residenzjali u qed joħolqu inkonvenjent għar-residenti, jinfurmaw lid-Dipartiment. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-Memo14/2009 u qabel li għandna nipproponu li parti mill-inħawi Ta' Lambert jista' jintuża bħala 'open storage' bil-kundizzjoni li l-ewwel irid jitnaddaf mit-terrapien li ntefa' tul iż-żmien. Il-Kunsill qabel ukoll li ninfurmaw lid-Direttur dwar problemi li għandna ta' pparkjar ta' vetturi kbar fi Triq Ħamrija, fl-HOS Tal-Barmil, Triq Widnet il-Baħar u anke fiz-Zona Industrijali.

x. Il-Kunsill Lokali ta' Sannat fi tweġiba għall-ittra tagħna dwar bdil ta' konfini bejn iż-żewġ lokalitajiet infurmana li ma jaqbilx li għandu jsir xi tibdil tal-konfini. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ssuġġerixxa li niktbu ittra lill-Onor. Chris Said fejn nitolbu biex isir it-tibdil tal-konfini u b'hekk il-bajja ta' Mgarr ix-Xini tkun parti mill-konfini tax-Xewkija kif tradizzjonalment kienet. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta u għalhekk se tinkiteb ittra lill-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni.

xi. Il-Kunsill iddiskuta dwar Memo 10/2009 li titratta dwar Premju Eden.

xii. Il-Kunsill iddiskuta dwar Memo 11/2009 li titratta dwar Proġett Pilota għat-tfassil ta' Strateġija ta' Żvilupp Sostenibbli.

xiii. Il-Kunsill iddiskuta dwar Memo 12/2009 li titratta dwar Fondi ta' Ko-Finanzjament għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt Programm tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill qabel li s-Sindku tiltaqa' ma' Maria Schembri tal-Muesac biex jiġi diskuss dwar kif il-Kunsill jista' jibbenefika minn programmi tal-Unjoni Ewropea.

xiv. Il-Kunsill Lokali ta' Sannat bgħatt kopja ta' korrispondenza dwar il-proposta ta' Waste Management Facility li qed jiġi propost li jinbena fl-inħawi magħrufa bħala tal-Lewż, limiti ta' Sannat.

xv. Is-Sur George Azzopardi, Segretarju tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali Tal-Wied ta' Mgarr ix-Xini bgħatt kwotazzjonijiet dwar akkomodazzjoni u anke vettura biex tintuża meta fis-sajf ikun qed isir l-iskavar f'Għar ix-Xiħ. Peress li għad jonqos li jinġabru aktar kwotazzjonijiet, il-Kunsill qabel li dawn jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss u tingħażel l-aktar stima vantaġġjuża.

xvi. Profs. Lino Briguglio, Direttur tal-Universita ta' Malta Ċentru ta' Għawdex, informa permezz ta' ittra lill-Ministru Għal Għawdex (u kopja lill-Kunsill Lokali Xewkija) dwar problema tat-traffiku fi Triq Mġarr speċjalment fejn ċ-Ċentru msemmi. Huwa talab biex isir zebra crossing jew traffic lights quddiem iċ-Ċentru. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-problema. Fil-fatt il-Kunsill diversi drabi kiteb lill-Ministru Għal Ghawdex u lill-Awtoritajiet kompetenti dwar il-problema tat-traffiku fi Triq Mġarr. Peress li din it-triq hija arterja, x-xogħol irid isir minn naħa tal-Ministeru Għal Għawdex u għalhekk il-Kunsill qabel li nerġgħu niktbu lill-Ministru l-Onor. Giovanna Debono dwar din il-problema. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nerġgħu nitolbu biex issir laqgħa ma' dawk konċernati dwar il-bini mill-ġdid ta' Triq Mġarr li l-Ministeru Għal Għawdex kellu jibda. Il-Kunsill ilu jitlob biex issir laqgħa u anke għadda diversi proposti tat-traffiku

dwar Triq Mġarr kemm lill-Ministru Għal Għawdex kif ukoll lill-ADT iżda sfortunatament sallum għadu qatt ma ngħata risposta u lanqas issejħet biex issir laqgħa. Il-Kunsill jittama li qabel jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Mġarr issir din il-laqgħa u b'hekk jiġu diskussi l-problemi kollha li hemm b'mod speċjali dwar it-traffiku.

xvii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija kienet attendiet għal-laqgħa mal-Enemalta fis-17 ta' Frar fejn ġew diskussi problemi li jiltaqa' magħhom il-Kunsill. Fil-21 ta' Frar is-Sindku attendiet ukoll Laqgħa tas-Sindki għar-Reġjun ta' Għawdex filwaqt li fit-28 ta' Frar iltaqgħet ma' Malta Professional Guides Association.

Il-Laqgħa spiċċat fil-5.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2009 fis-2.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |